**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Revoka Nru: 1017/2016 AF**

Fl-Atti tal-Mandat Nru. 225/16

**David Bruce Wildy u martu Elaine Mulcahy**

**vs**

**Golden Bun Manufacturing Co. Ltd. (C-2154)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Golden Bun Manufacturing Co. Ltd li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti intalbet thassar mandat ta' sekwestru kawtelatorju 225/2016 ai termini tal-Art. 836(1)(d) u (f). Din il-Qorti intalbet ukoll timponi penali ai termini tal-Art. 838A.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' David Bruce Wildy u Elaine Mulcahy li fir-risposta taghhom taw ir-ragunijiet ghalfejn din il-Qorti ghandha tichad it-talbiet.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qed jitolbu t-thassir tal-mandat *de quo* ai termini tal-Art. 836(1)(d) u (f) li testwalment jipprovdu ghal tali revoka

> *"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi permezz ta' sentenza pronunzjata fl-24 ta' Ottubru 2018 din il-Qorti ddecidiet il-kawza fil-mertu bejn il-partijiet billi kkundannat lil Golden Bun Manufacturing Co. Ltd thallas lil David Bruce Wildy u lil Elaine Mulcahy s-somma ta' €154,521.02.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant, din il-Qorti ssib illi t-talba tas-socjetà sekwestrata ghat-thassir tal-mandat m'hijiex gustifikata ai termini tal-provvediment tal-ligi minnha citati. Lanqas ma tirrizulta lill-Qorti ebda raguni li tiggustifika l-imposizzjoni ta' penali kif mitlub.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Golden Bun Manufacturing Co. Ltd kif dedotta.

L-ispejjez jithallsu minn Golden Bun Manufacturing Co. Limited.

IMHALLEF